

Brussell, 4 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

8411/22

LIMITE

CORLX 377  
CFSP/PESC 527  
CYBER 131  
JAI 524  
FIN 464

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha - tiġdid

---

1. Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha. Id-Deċiżjoni ġiet emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/796 u tapplika sat-18 ta' Mejju 2022.
2. Fil-5 ta' April 2022, il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (Ċibernetika) qabel dwar l-estensjoni tar-reġim.
3. Fil-25 ta' April 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 (dok. 8409/22), li testendi l-validità ta' dik id-Deċiżjoni sat-18 ta' Mejju 2025 u l-miżuri restrittivi stipulati fiha sat-18 ta' Mejju 2023.
4. Fit-28 ta' April 2022, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

5. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-COREPER huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
  - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 8410/22;
  - japprova l-avviżi li għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali kif jinsabu fl-Annessi I u II għal din in-nota;
  - japprova l-mudell ġenerali għall-ittri ta' notifika kif jinsab fl-Anness III għal din in-nota.
-

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-  
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797<sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK)  
2022/[numru]<sup>+</sup>, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796<sup>(2)</sup>, dwar miżuri restrittivi kontra  
attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]<sup>+</sup>, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796, dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista ta' persuni u entitajiet iddeżinjati fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddetermina li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal dawk il-persuni u l-entitajiet.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u entitajiet ikkonċernati dwar il-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat jew Stati Membri rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi.

---

<sup>1</sup> ĠU L 129, 17.5.2019, p. 13.

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument 8410/22.

<sup>2</sup> ĠU L 129, 17.05.2019, p. ).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, **qabel l-14 ta' Jannar 2023**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

General Secretariat

RELEX.1

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Kwalunkwe osservazzjoni li tasal ser titqies għall-fini tar-rieżami perġodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attacchi ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

L-attenzjoni tal-persuni u entitajiet ikkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

L-attenzjoni tas-suġġetti tad-data qed tingħebed għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797<sup>(3)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]<sup>+</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796<sup>(4)</sup>, dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tar-RELEX (Relazzjonijiet Esterni) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment fdat bl-operazzjoni ta' pproċessar hu RELEX.1 li wieħed jista' jikkuntattja f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

General Secretariat

RELEX.1

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

---

<sup>3</sup> ĠU L 129, 17.5.2019, p. 13.

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument 8410/22.

<sup>4</sup> ĠU L 129, 17.05.2019, p. 1.

L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data

[data.protection@consilium.europa.eu](mailto:data.protection@consilium.europa.eu)

L-iskop tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]<sup>+</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe data oħra relatata ma' dan.

Id-data personali miġbura tista' tiġi kondiviża skont kif ikun meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt għal aċċess, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jingħata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal 5 snin mill-mument li s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm idumu l-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 ([edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)).

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument 8410/22.

Template letter for persons whose address is known

This is to inform you that the Council of the European Union has decided to maintain your name on the list of persons and entities subject to restrictive measures in the Annex to Council Decision (CFSP) 2019/797, as amended by Council Decision (CFSP) 2022/[number]<sup>1</sup>, and in Annex I to Council Regulation (EU) 2019/796 concerning restrictive measures against cyber-attacks threatening the Union or its Member States. The grounds for your designation appear in the relevant entries in those Annexes.

Your attention is drawn to the possibility of making an application to the competent authorities of the relevant Member State(s) as indicated on the websites in Annex II to Council Regulation (EU) 2019/796, in order to obtain an authorisation to use frozen funds for basic needs or specific payments (cf. Article 4 of the Regulation).

You may submit a request to the Council, together with supporting documentation that the decision to maintain you on the above-mentioned list should be reconsidered, **before 14 January 2023**, to the following address:

Council of the European Union

General Secretariat

RELEX.1

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

e-mail: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Any observations received will be taken into account for the purpose of the Council's next review, pursuant to Article 10 of Decision (CFSP) 2019/797, of the list of designated persons and entities.

---

<sup>1</sup> Official Journal reference

Your attention is also drawn to the possibility of challenging the Council's decision before the General Court of the European Union, in accordance with the conditions laid down in Article 275, 2nd paragraph, and Article 263, 4th and 6th paragraphs, of the Treaty on the Functioning of the European Union.

You are also informed of the Notice (2022/C xx/xx)<sup>2</sup> for the attention of the data subjects to whom the restrictive measures provided for in Council Decision (CFSP) 2019/797 and Council Regulation (EU) 2019/796 concerning restrictive measures against cyber-attacks threatening the Union or its Member States apply.

---

---

<sup>2</sup> Official Journal reference